**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 233/12/1VG**

**XXX u XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 18 ta' Frar 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX u XXX fit-22 ta' Gunju 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 jigu ikkancellati *in toto* u l-penali amministrattivi u imghaxijiet hemm imposti, jigu revokati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, ossia ittra tar-Rikorrenti lis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 20 ta' Gunju 2011, u l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghhom u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrenti, stante li l-likwidazzjonijiet ta' taxxa ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma gusti u jimmeritaw konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ossia Tax Audit Report tat-Tax Compliance Unit datat 28 ta' Dicembru 2010 u Review Rerpot datat 4 ta' Mejju 2011;

Ra l-affidavits ta' entrambe r-Rikorrenti u ta' Dr. George Debono markati rispettivament Dok. "FCD", Dok. "MLF" u Dok. "GB" u d-dokumenti annessi maghhom esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2012 a fol. 18 sa' 67 tal-process, sema' x-xhieda ta' Dion Borg moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[1] u x-xhieda ta' Claudia Borg[2] u Jesmar Bilocca[3] entrambe moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013 u ra d-dokumenti esebiti minn Claudia Borg markati lkoll flimkien bhala Dok. "CB" a fol. 79 sa' 102 tal-process;

Ra d-Digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2013 a fol. 129 sa' 131 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti u d-dokumenti annessi maghha, ossia Financial Statements tas-socjetà Fintel Limited ghas-snin 2004 sa' 2011 markati Dok. "F1" sa' Dok. "F8", a fol. 132 sa' 237 tal-process u ra n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 240 sa' 244 tal-process;

Ra s-sentenza pronuncjata minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Mejju 2016[4] u ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) pronuncjata fit-18 ta' Dicembru 2018[5], permezz ta' liema dik il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni aggravji tar-Rikorrenti (appellanti mis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2016) u, sa' fejn kompatibbli ma' dak Minnha osservat fis-sentenza, laqghet it-tielet aggravju sollevat mir-Rikorrenti u hassret is-sentenza ta' dan it-Tribunal tas-17 ta' Mejju 2016 u baghtet l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeciedi l-mertu billi jiehu wkoll in konsiderazzjoni l-provi li tressqu fil-kawza fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12 deciza mit-Tribunal fit-18 ta' Ottubru 2018;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' April 2019[6] l-partijiet kontendenti ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li in segwitu ghar-rinviju tal-Qorti ta' l-Appell, dan il-kaz jigi deciz mit-Tribunal kif kompost;

Ra u kkonsidra l-atti tal-proceduri fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" bin-Numru 317/12, decizi b'sentenza pronuncjata minn dan it-Tribunal fit-18 ta' Ottubru 2018, liema atti gew annessi ma' l-atti ta' dawn il-proceduri, u kkonsidra b'mod partikolari x-xhieda ta' Kevin Ellul, Objection Review Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi, moghtija waqt is-seduti tad-19 ta' Novembru 2015[7] u tas-6 ta' April 2017[8], l-affidavit ta' Michèle Xuereb, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi mieghu esebiti fit-13 ta' Ottubru 2016[9] u sema' x-xhieda ta' l-istess Michèle Xuereb moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' jannar 2017[10], u ra l-files tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni pertinenti ghar-Rikorrenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fil-proceduri fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12 permezz ta' zewg Noti rispettivament ipprezentati fit-3 ta' Gunju 2015 u fit-13 ta' Novembru 2015;

[1] Fol. 68 sa' 77 tal-process.
[2] Fol. 103 sa' 120 tal-process.
[3] Fol. 121 sa' 126 tal-process.
[4] Fol. 306 sa' 325 tal-process.
[5] Fol. 49 sa' 54 ta' l-atti processwali ta' l-Appell mis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2016.
[6] Fol. 6 ta' l-atti processwali wara li gew rinvijati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) - Rik. Nru. 233/12/1.
[7] Fol. 323 sa' 331 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12.
[8] Fol. 386 sa' 388 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12.
[9] Fol. 357 sa' 376 fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12.
[10] Fol. 378 sa' 383 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12.

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tar-Rikorrenti u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 9 sa' 14 ta' l-atti processwali wara li gew rinvijati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) Rik. Nru. 233/12/1;

Sema' t-trattazzjoni orali finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti jikkontestaw stimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 bis-sahha ta' liema qed jigu mitluba jhallsu is-somma komplessiva ta' **€33,542** bhala Output VAT, oltre penali amministrattivi u imghaxijiet.

Ir-Rikorrenti jitolbu li l-istimi in kwistjoni jigu kkancellati *in toto* u li l-penali amministrattivi w imghaxijiet imposti fuqhom jigu kkancellati in bazi ghas-segwenti aggravji: (i) *assessments unilaterally and arbitrarily raised without any reason;* (ii) *assessments have disregarded our records and submissions;* (iii) *assessments are flawed and untenable both in fact and in law*; u (iv) *Department failed to perform alternative checks/verifications*. In segwitu ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-18 ta' Dicembru 2018 mis-sentenza tat-Tribunal tas-17 ta' Mejju 2016 [iktar 'l quddiem indikata bhala s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri], ir-Rikorrenti jikkontendu ulterjorment illi l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandhom ukoll jigu revokati *in toto* stante li kjarament jirrizulta li huma bla bazi u dana billi huma ibbazati fuq *Capital Accretion Exercise* li gie ghal kollox skartat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fl-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 mahruga fil-konfront taghhom, liema stadju r-Rikorrenti ma ghaddewx minnu ghall-finijiet ta' l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud peress illi, minkejja li talbuh, ma sarx Review ta' l-istimi proviżorji mahruga kontrihom ghall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-istimi in kwistjoni u jitlob li l-istess jigi michud stante li l-likwidazzjonijiet ta' taxxa ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma gusti u jimmeritaw konferma. Il-Kummissarju ulterjorment jikkontendi - u dana fir-rigward ta' l-aggravju sollevat mir-Rikorrenti in segwitu ghas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) - illi fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-istadju ta' l-oggezzjoni tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni), fejn effettivament gie determinat u likwidat dhul mhux iddikjarat da parte tar-Rikorrenti ghal kull sena

ta' stima imsemmija, l-istess Rikorrenti ghandhom ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud jigu ntaxxati bir-rata ta' 18% fuq id-dhul determinat u likwidat mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fl-imsemmi stadju ta' oggezzjoni.

Peress illi s-sentenza pronuncjata fis-17 ta' Mejju 2016 giet imhassra fit-totalità taghha t-Tribunal ser jerga' jittratta l-aggravji kollha sollevati mir-Rikorrenti, tenendo conto però ta' l-import ta' l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza Taghha tat-18 ta' Dicembru 2018, partikolarment l-osservazzjoni li *fil-fehma tal-qorti mehud in konsiderazzjoni li t-taghrif li kellu d-Dipartiment tat-Taxxi kien rilevanti ghall-ezitu tal-kawza u meta nghatat is-sentenza d-Dipartiment kien digà skarta l-Capital Accretion Exercise li sar mit-TCU, fatt li kien a konjizzjoni tat-Tribunal meta ta s-sentenza, ma tkunx qeghda issir gustizzja jekk dak it-taghrif ma jittiehedtx in konsiderazzjoni fid-decizjoni tal-meritu. L-unika differenza li hemm bejn iz-zewg kawzi hi li f'din il-kawza l-kwistjoni hi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li fil-kawza l-ohra l-kwistjoni kienet dwar taxxa. Madanakollu l-kwistjoni kienet identika, cioè jekk kienx hemm undeclared income fil-perjodu 2005 sa' 2008*[11].

L-**ewwel aggravju** tar-Rikorrenti mill-istimi mahruga fil-konfront taghhom ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 huwa fis-sens li huma qatt ma nghataw raguni specifika ghalfejn id-denunzji tat-taxxa taghhom, inkluzi d-denunzji tat-taxxa tal-prattika legali taghhom taht l-isem CDF Advocates, gew senjalati ghall-investigazzjoni.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[12], ir-rapprezentant tar-Rikorrenti, Dion Borg, iddikjara li *t-tax compliance unit kienu baghtu ittra lil XXX fejn qalu li ha jaghmlu normal compliance routine, xi haga hekk li skond huma normali. Kont mort ma' Frank u tajna l-ispjegazzjonijiet u d-dokumenti kollha li kienu talbu inizjalment, u staqsejna x'kienet ezattament l-issue li bdew jaraw u r-risposta kienet li din hija xi haga normali ta' routina li qed jistaqsu dawn il-mistoqsijiet. Wara li tajna l-ispjegazzjonijiet kollha, harget ittra li basically kienu ser jaghmlu investigazzjoni shiha. Tlabna x'kienet ir-raguni, x'riskju kien hemm wara li tajna l-ispjegazzjonijiet u d-dokumenti imma l-ebda feedback ma gie mit-TCU. Eventually ergajna bdejna nidhlu f'aktar dettal, naghtu id-dokumenti, talbu l-bank statements, tajnihom il-bank statements with the exception ta' fejn kien hemm deposits tal-klijenti minhabba l-Profession Secrecy Act. It-TCU baqa' jinsisti li jrid il-bank statements kollha, tajnihom l-ispjegazzjonijiet ghaliex ma stajniex naghtuhomlom, tlabnihom anke indemnity jekk eventually ahna nigu mgieghla naghtuhomlom, imma ma hargitx lanqas mit-TCU. Eventually spiccajna, wara l-ispjegazzjonijiet kollha, bil-bank statements kollha minbarra dawk li hemm il-profession secrecy tikkaverjhom, xorta hargu assessment minghajr l-ebda raguni specifika, minghajr ma spjegaw ruhhom ghaliex ghamlu din l-investigazzjoni.*

[11] Fol. 53A ta' l-atti processwali ta 'l-Appell mis-sentenza tas-17 ta 'Mejju 2016.
[12] Fol. 68 sa' 77 tal-process.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[13] taghhom ir-Rikorrenti sahqu ulterjorment illi *analizi ulterjuri tax-xhieda ta' Claudia Borg tat-Tax Compliance Unit (TCU) tikkonferma bis-shih it-tezi ta' l-appellanti. L-ewwelnett, Claudia Borg ma kienitx kapaci tirrispondi ghalfejn il-procedura ta' 'normal compliance control' f'daqqa wahda saret 'full tax audit'. Ippruvat taghti l-impressjoni li m'hemmx differenza bejn dawn it-tnejn, meta skond ix-xhieda taghha stess f'normal compliance control ikollok xi dubju fuq xi haga partikolari li qed thasseb lit-TCU, filwaqt li full tax audit tinvolvi investigazzjoni dettaljata tan-negozju. … L-anqas ma kienet taf Claudia Borg ghalfejn intghazlu l-appellanti ghal dan il-full tax audit. Qalet li l-file jigi ghandha maghzul diga minn xi dipartiment iehor li sejhitlu 'risk analysis'. … In fatti d-Dipartiment appellat obbliga ruhhu quddiem dan it-Tribunal fil-verbal tal-25 ta' April 2013 illi li jressaq lill-persuna li ghamlet din hekk imsejha risk analysis: "m'ghandux oggezzjoni li jitressaq il-persuna li hadem fuq ir-risk analysis relattiva ghar-rikorrent anzi jiddikjara li dan ser ikun xhud taghhom fis-seduta li jmiss", biex fis-seduta sussegwenti spicca biex iddikjara li m'ghandux aktar provi. Ghalhekk huwa car li d-Dipartiment appellat ma kienx wisq kuntent bir-raguni li ghaliha gew investigati l-appellanti u b'hekk l-appellanti ghadhom sa' llum ma jafux ghalfejn gew investigati. Dan it-Triunal naturalment jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu wkoll dwar dan in-nuqqas ta' trasparenza min-naha tad-Dipartiment tal-VAT – Dipartiment li min-naha tieghu eziga trasparenza assoluta min-naha ta' l-appellanti*[14].

L-attitudini tar-Rikorrenti versu l-investigazzjoni da parte tat-Tax Compliance Unit kienet cara sa' mill-bidunett tal-process u dana kif jirrizulta mill-ittri taghhom lit-Tax Compliance Unit datati 31 ta' Mejju 2010[15] u 2 ta' Lulju 2010[16].

Fl-ittra datata 31 ta' Mejju 2010, li ntbaghtet in segwitu ghal e-mail datata 27 ta' Mejju 2010[17] minghand Claudia Borg fejn talbet *bank statements* ghas-snin 1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Dicembru 2008 u *Statement of Affairs as at 31st December 1998 and as 31st December 2008*, ir-Rikorrenti affermaw li *during the meeting, the Unit's officers pointed out, and this was confirmed in an e-mail I received on 27th May 2010, that 'business' bank statements and personal statements of affairs as at 1998 and 2008 are still required. With all due respect, it is pertinent to point out that considering: the premise that this is a 'normal compliance control', and the verbal explanations (which I can duly articulate for formality's sake), given during our one and a half hour meeting, and my commitment to submit a detailed breakdown of the sub-contracting expenses claimed, to supplement the details of fees already submitted, it is respectfully inconceivable to justify the Unit's claim that in order to conduct this normal exercise my bank accounts (which include also clients' funds emanating from legally privileged contracts) and my family's personal affairs (assets, liabilities, visits abroad…) need to be scrutinized! Whilst I do not wish to delve into the merits of any nationwide and/or profession-based risk assessment warranting this 'normal compliance control', less even, on the parameters of this*

[13] Fol. 132 sa' 237 tal-process.
[14] Para. 14 sa' 16 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti, fol. 132 sa' 144 tal-process.
[15] Fol. 82 u 83 tal-process.
[16] Fol. 87 u 88 tal-process.
[17] Fol. 81 tal-process.

*specific Unit's brief, it is submitted that the insistence for bank and personal affairs can scarcely be justified. I trust that the Unit can appreciate that clients' funds relating to sensitive contracts and agreements, are channeled through the bank account I use in my profession. I thus have to thread very carefully, ensuring that there is clear, legal and formal justification before releasing such statements – especially when subsequently I would be expected to refer to such clients, their funds, and the agreements they pertain to. I reiterate what I emphasized during the meeting, that should the Unit pinpoint any specific concerns about my legal practice and/or the fiscal declarations submitted, I would dedicate my time to clarify them and provide supporting documents within a reasonable timely manner.*

Fl-ittra datata 2 ta' Lulju 2010[18], li ntbaghtet wara li b'ittra datata 11 ta' Gunju 2010[19] il-Kap tat-Tax Compliance Unit irreferiet lir-Rikorrenti ghall-poteri tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' skrutinju tad-dhul u dikjarazzjonijiet tat-taxxa ta' *taxpayer*, ir-Rikorrent afferma li *it is submitted that the general powers vested on the Commissioner of Inland Revenue also place an onus on the same Commissioner to clarify and justify the specific reasons such powers are being exercised. In particular, the Commissioner's discretion over whom to audit and the reasons why such assignments are undertaken and/or extended, is to be factually, and also perceived to be, equitable and transparent, and at least in line with the principles of natural justice. As we had the opportunity to emphasise in our letter dated 31st May 2010, we have repeatedly asked the Unit to clarify what specific area/s has/have been deemed as constituting a reasonable risk for tax purposes – so that we can give the explanations and supporting documents to address such deemed risk, to practically expedite matters. However, to date, no such clarification has been forthcoming from the Unit. Therefore up to now, any reasonable man would perceive the Unit's actions as a 'fishing expedition' which falls foul of the duties of the Commissioner of Inland Revenue was outlined above. As also referred to in our said letter, our profession falls under the scope of the Professional Secrecy Act (Cap.377), to which we may add our duties under the Code of Organization and Civil Procedure (Cap.12) and the Data Protection Act (Cap.440), and thus information concerning clients' transactions and funds that are channeled through the bank accounts used in our profession, cannot be disclosed. In this regard, we regret that we cannot accede to the Unit's request to submit bank statements; as such documents could subsequently raise questions about clients' transactions and funds and potentially expose us to civil and/or criminal liability.*

Filwaqt li t-Tribunal jista' jifhem li persuna thossha urtata li tkun qed tigi investigata mill-Kummissarju tat-Taxxi, iktar u iktar meta l-investigazzjoni tkun qed issir mit-Tax Compliance Unit, fl-istess waqt ma jistax jinjora l-poteri konferiti bil-Ligi fuq il-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' tali investigazzjonijiet, liema poteri jistghu appuntu jigu delegati lit-Tax Compliance Unit. Fil-kaz in ezami t-Tax Compliance Unit giet delegata taghmel investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti kemm mill-aspett ta' taxxa fuq id-dhul ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 kif ukoll mill-aspett ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.05-31.12.08. Il-firxa wiesgha tal-poteri tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-rigward ta' investigazzjonijiet

[18] Fol. 87 u 88 tal-process.
[19] Fol. 85 tal-process.

kontra *taxpayers*, u dana anke fiz-zmien meta kienu qed jigu investigati r-Rikorrenti, tirrizulta mill-Artikoli 13 u 14 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta (anke kif applikabbli fiz-zmien mertu ta' dawn il-proceduri) u l-Artikoli 53 u 54 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dawn il-poteri statutorji tal-Kummissarju, it-Tribunal qajla jista' jiccensura lill-istess Kummissarju u lit-Tax Compliance Unit ghall-fatt li investigaw lir-Rikorrenti u talbu minghandhom diversi dokumentazzjoni biex jiggustifikaw id-dhul taghhom, u dana nonostante l-fatt li fl-istadju ta' l-oggezzjoni mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit ma giex utilizzat u segwit u minflok gie determinat id-dhul tar-Rikorrenti in bazi ghal *bank deposits reconciliation exercise* li sar fir-rigward ta' l-uniku kont bankarju li r-Rikorrenti kienu disposti jipprovdu u fil-fatt ipprovdew *bank statement*.

Il-kontestazzjoni centrali tar-Rikorrenti fil-kuntest ta' dan l-aggravju partikolari hi li ma jistghux jifhmu ghaliex ezercizzju ta' *normal compliance control* spicca f'*tax audit* fil-konfront taghhom. Fil-fehma tat-Tribunal però r-raguni ghalfejn gara hekk tirrizulta ferm cara mill-iskambju ta' korrispondenza li kien hemm bejn it-Tax Compliance Unit u r-Rikorrenti. Minn dawn id-dokumenti in fatti jidher car li t-Tax Compliance Unit ma kienux sodisfatti bl-ispjegazzjonijiet moghtija mir-Rikorrenti dwar ir-raguni ghalfejn ma setghux jigu provduti *bank statements* ta' whud mill-kontijiet bankarji taghhom, ossia ghaliex, skont l-istess Rikorrenti, f'dawn il-kontijiet bankarji kien hemm flejjes appartenenti lil klijenti taghhom u b'hekk kienu u huma koperti bis-sigriet professjonali. Fid-dawl ta' tali sitwazzjoni ghalhekk semplici kontroll infetah f'investigazzjoni iktar dettaljata biex da parte tat-Tax Compliance Unit ikun jista' jsir skrutinju iktar dettaljat tar-reditti dikjarati mir-Rikorrenti tul is-snin in kwistjoni. Hawn ukoll, fil-principju, it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fl-agir tal-Kummissarju tat-Taxxi u tat-Tax Compliance Unit ghar-raguni li tali agir jaqa' entro l-parametri tal-poteri konferiti fuqhom bil-Ligi. Naturalment, li jrid issa jigi determinat huwa jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-istimi eventwalment mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud humiex eccessivi jew inkella le.

**It-tieni aggrvju** tar-Rikorrenti ghall-istimi mertu ta' dan l-appelll huwa li t-Tax Compliance Unit ingustament, jekk mhux addirittura kontra l-Ligi, baqghu jinsistu ghall-produzzjoni ta' *bank statements* ta' kontijiet bankarji fejn kien hemm depozitati flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom.

Mill-provi prodotti rrizulta li waqt l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti t-Tax Compliance Unit talbuhom jimlew zewg *Statements of Affairs*, wiehed *Statement of Affairs as at 31st December 1998* u iehor *Statement of Affairs as at 31st December 2008*. Ir-Rikorrenti oggezzjonaw ghal *Statement of Affairs as at 31st December 1998* u fil-fatt irrifjutaw li jissottomettu l-istess u ssottomettew biss *Statement of Affairs as at 31st December 2008*. Filwaqt li jidher li t-Tax Compliance Unit ma baqghux jinsistu ghal *Statement of Affairs as at 31st December 1998*, baqghu jinsistu fuq il-produzzjoni tal-*bank statements* tal-kontijiet bankarji dikjarati mir-Rikorrenti fl-*iStatement of Affairs as at 31st December 2008*. Madanakollu però r-Rikorrenti pprovdew *bank statement* ta' kont bankarju iehor li lanqas kien wiehed miz-zewg kontijiet bankarji minnhom stess indikati fl-*iStatement of Affairs as at 31st December*

*2008.* Logikament it-Tax Compliance Unit insistew fuq is-sottomissjoni ta' *bank statements* relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija mir-Rikorrenti fl-*iStatement of Affairs* taghhom izda huma rrifjutaw in bazi ghall-iskuza li f'dawn il-kontijiet bankarji kien hemm flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom li ghalhekk kienu u huma koperti bis-sigriet professjonali u kunfidenzjalità. Apparte minn hekk mill-*bank statement* provdut mir-Rikorrenti rrizultaw trasferimenti ta' fondi ghal zewg kontijiet bankarji ohra (ossia kontijiet differenti mit-tlett kontijiet bankarji li t-Tax Compliance Unit saru jafu bihom) fir-rigward ta' liema zewg kontijiet bankarji ulterjuri r-Rikorrenti mill-gdid u ghall-istess raguni ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali rrifjutaw li jaghtu l-*bank statements* relattivi.

Jekk din il-kwistjoni tigi kkunsidrata b'mod superficjali tista' tintlahaq il-konkluzzjoni zbaljata li t-Tax Compliance Unit ma kellhom, f'dak iz-zmien, l-ebda dritt fil-Ligi li jinsistu ghall-produzzjoni ta' *bank statements* ta' kontijiet bankarji li fihom hemm flejjes appartenenti lill-klijenti tar-Rikorrenti izda, konsierazzjoni iktar akkurata tal-kwistjoni turi bic-car li s-sitwazzjoni ma kenitx daqshekk netta daqs kemm jaghtu *ad intendere* r-Rikorrenti.

Jirrizulta fil-fatt li l-kontijiet bankarji li taghhom it-Tax Compliance Unit kienu qed jippretendu l-*bank statements* kienu kontijiet f'isem ir-Rikorrent li ma kienux denominati bhala Clients' Account **u** li fihom l-imsemmi Rikorrent kien jircievi mhux biss flejjes ghan-nom tal-klijenti izda anke flejjes bhala hlas ghas-servizzi prestati lill-klijenti tramite il-prattika CDF Advocates. Li dawn il-kontijiet bankarji kellhom, biex jinghad hekk, natura mista, ossia li fihom kienu jidhlu kemm flejjes ghan-nom tal-klijenti tar-Rikorrent kif ukoll hlasijiet lir-Rikorrent ghas-servizzi prestati minnu, johrog b'mod car mix-xhieda ta' Dion Borg moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[20].

Fl-imsemmija xhieda Dion Borg iddikjara li *t-talbiet* [li saru mit-Tax Compliance Unit] *huma dokumentati, huma fuq l-informazzjoni fuq l-operat tal-prattika legali, tajnihom l-informazzjoni tal-bills kollha li hargu, bl-expenses kollha li hargu. L-unika diffikultà li kien hemm kienet fuq prezentazzjonijiet ta' dawn il-bank statements li kien hemm transazzjonijiet tal-klijenti. Ftehmna maghhom ukoll li, isma jekk ingibuhom dawn x'se jigri, se sasquna imbaghad biex nispjegawlkom xi transazzjoni partikolari u qalulna iva u ghednilhom, mela ma nistghux naghtuhomkom ghax ha niddisclosjaw it-transazzjonijiet kollha li ghamlu l-klijenti.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal *dawn it-transactions li jkun hemm fihom dawn l-accounts, x'kien l-iskop taghhom, jigifieri jiena naf li avukat jaf ikun qieghed f'sitwazzjoni fejn ikollu jzomm flus li fil-verità jkunu tal-klijent ghan-nom tal-klijent, so that is one thing. Però nafu daqstant iehor tajjeb li avukat jithallas tas-servizzi li jaghti, dawn l-accounts partikolari x'kienu, jew transazzjonijeit partikolari?* Dion Borg irrisponda *kien fihom zewg transazzjonijiet l-istess, fees ta' Dr. Frank u fondi tal-klijenti.* Ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal *u dawn kienu dejjem go l-istess account?* Dion Borg irrisponda *kienu qeghdin jidhlu u johorgu minn accounts differenti skond is-sitwazzjoni li tkun. Nixtieq niccara punt, minn naha taghna meta rajna d-diffikultà li kellu d-dipartiment u spjegajna d-diffikultà li ghandna ahna, ghednilhom ahna nistghu naghtukom declaration li minn dawn l-*

---

[20] Fol. 68 sa' 79 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 317/12.

*accounts qatt ma ngibdu cash funds, jigifieri mhux xi haga li gibed il-flus Dr. Frank biex juzahom ghalih, u wkoll tajnihom declaration tal-bilanci li kien hemm at the end of each year, biex jaraw li ma kienx hemm xi accumulation.* Fuq domanda mill-gdid tat-Tribunal dwar in-natura tal-kontijiet bankarji li taghhom ir-Rikorrenti ma pprovdewx *bank statements,* Dion Borg irrisponda *l-iskop eventually kien li jigu channelled il-fondi tal-klijenti. Il-problema li ma kienx hemm account wiehed biss, for practical reasons kien hemm a number of accounts u min-naha tat-TCU ippretendew li jkun hemm account wiehed biss u kollox jigi channelled fih.* In risposta ghall-mistoqsija *jigifieri, dawn kienu flus li gejjin minn klijent ghal dan l-avukat for transfer to a third party jew bil-kontra?* Dion Borg irrisponda *Iva* u ghall-mistoqsija *u ma kienx hemm fiha dana, transazzjonijiet li fil-fatt kienu pagamenti ta' servizzi?* Dion Borg irrisponda *kien hemm instances li dahlu wkoll, ghax generalment il-klijent jaghmel one whole payment, fejn ikun hemm parti for the fee u parti l-fondi l-ohrajn, biss li kien qed jaghmel Dr. Frank huwa li eventually il-fees tieghu jinqalghu minn hemm u jigu depozitati go account iehor.*

Minn din ix-xhieda johrog car ghalhekk li r-Rikorrent stess bil-prattika minnu adottata dwar iz-zamma ta' flejjes appartenenti lill-klijenti tieghu, ossia li dawn il-flejjes ikunu mhallta ma' flejjes derivanti lilu direttament mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu, qieghed lilu nnifsu fl-impossibilità li jissodisfa talba legittima u legali tat-Tax Compliance Unit ghall-*bank statements* ta' dawn il-kontijiet bankarji li fl-ahhar mill-ahhar fihom ukoll flejjes appartenenti lir-Rikorrent stess u mhux biss lill-kliljenti tieghu. Ladarba r-Rikorrent qieghed lilu nnifsu f'din is-sitwazzjoni ma ghandux assolutament ragun jsostni li t-talba tat-Tax Compliance Unit ghall-produzzjoni ta' *bank statements* ta' dawn il-kontijiet kienet illegittima.

Dion Borg iddikjara wkoll li r-Rikorrent kien dispost jipprovdi l-ammont tal-*fees* tieghu derivanti minn servizzi partikolari biex dawn l-ammonti li jingibdu minn dawn il-kontijiet jistghu jigu pparagunati ma' depoziti f'kontijiet bankarji ohra u kien dispost jaghti wkoll rendikonti ta' kull sena tal-bilanci totali ta' dawn il-kontijiet, izda dawn is-suggerimenti ma gewx, skontu ingustament, accettati mit-Tax Compliance Unit. It-Tribunal hawn ukoll ma jsibx x'jiccensura fl-operat tat-Tax Compliance Unit u dan ghar-raguni li minhabba l-mod kif ir-Rikorrenti ghazlu li jipprocedu fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom fl-*iStatement of Affairs as at 31st Decembru 2008,* ossia fejn ma ndikawx il-kontijiet bankarji kollha li kellhom f'isimhom izda indikaw tnejn biss, dwar liema xorta wahda ma riedux jipprovdu *bank statements* taht il-pretest tas-segriet professjonali u l-kunfidenzjalità, u kienu t-Tax Compliance Unit stess li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet taghhom skoprew tlett kontijiet bankarji ohra, dwar liema wkoll ir-Rikorrenti ma riedux jipprovdu *bank statements,* l-istess Rikorrenti irrendew ruhhom mhux affidabbli f'ghajnejn it-Tax Compliance Unit li gustament ma kienux disopsti jaccettaw l-ebda dokument u/jew assigurazzjoni ohra jekk mhux *bank statements* attwali tal-kontijiet in kwistjoni.

F'dan l-istadju t-Tribunal ihoss li ghandu jaghmel referenza ghal osservazzjoni maghmula fis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), fejn appuntu nghad illi: *il-problema f'kazijiet ta' din ix-xorta hi minhabba s-sigriet professjonali li ghandu l-avukat. Wiehed irid jiftakar li investigazzjoni dwar taxxa mhi qatt facli ghall-awtoritajiet li jkunu qeghdin jaghmluha. Hu konvenjenti li wiehed ikollu kontijiet bankarji f'ismu u fihom jghid li jpoggi flus tal-klijenti u ghalhekk mhux ser jaghti*

*taghrif ghaliex marbut bis-sigriet professjonali. Il-qorti m'ghandhiex dubju li ladarba l-kontijiet bankarji kienu f'isem ir-rikorrenti, il-presunzjoni kienet li l-flus jappartjenu personalment lir-rikorrent. Dan apparti li kull avukat suppost jaf li meta qieghed jagixxi bhala fiducarju, m'ghandux ihallat flus tieghu ma' dawk tal-klijent*[21].

Ir-Rikorrenti jikkritikaw lit-Tax Compliance Unit ghaliex ma ppruvawx jottjenu l-informazzjoni mehtiega fir-rigward ta' *taxable sales* maghmula minnhom taht il-prattika legali bl-isem CDF Advocates direttament minghand il-klijenti taghhom. Fir-rigward Dion Borg iddikjara *konna wkoll tajnihom proposta biex jaghmlu audit trail ma' any potential client li jahsbu li stajna iddiljana mieghu, tajnihom lista ta' kumpanniji li Frank kien jaghti servizz, ikkonfermaw lit-TCU anke fir-rapport taghhom stess li bhala servizzi ma konniex qed naghtu lill-individwi imma l-bulk kien corporate clients u ma nistax nifhem ghaliex ma ndenjawx ruhhom jaghmlu audit trail, jigifieri jikkuntattjaw dawn il-corporate clients u jivverifikaw maghhom x'pagamenti u x'servizzi qieghed jaghti*[22].

F'dan ir-rigward ukoll però t-Tribunal ma jqisx li l-kritika tar-Rikorrenti u tar-rapprezentant taghhom Dion Borg hija korretta u gustifikata. Jibda biex jinghad li in kwantu rigwarda l-kontijiet bankarji kontezi bejn ir-Rikorrenti u it-Tax Compliance Unit, li evidentement kienet u ghadha kwistjoni fundamentali fil-kaz in ezami, minghajr *bank statements* fuq xiex it-Tax Compliance Unit setghu jimxu kwalunkwe *audit trail* kienet tkun ezercizzju parzjali ghaliex l-informazzjoni moghtija ma tkunx tista' tigi vverifikata fl-intier taghha. Apparte minn hekk, fir-rigward tad-depoziti maghmula fil-kontijiet bankarji dwar liema r-Rikorrenti ma riedux jaghtu *bank statements*, x'sens kien jaghmel li t-Tax Compliance Unit jmorru ghand il-klijenti tar-Rikorrenti biex jaghtuhom informazzjoni dwar it-transazzjonijiet taghhom – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar hawn qed nitkellmu, ghall-inqas a detta tar-Rikorrenti, dwar transazzjonijiet ta' terzi, meta r-Rikorrent stess, li fl-ahhar mill-ahhar kien il-konsulent taghhom, seta' hu stess talabhom l-awtorizzazzjoni biex jiddivulga l-informazzjoni mehtiega minghajr il-biza jew preokkupazzjoni ta' riperkussjonijiet eventwali kemm ta' natura kriminali kif ukoll ta' natura civili. Dana johrog b'mod car mill-Artikolu 6(1) ta' l-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap.377 tal-Ligijiet ta' Malta, li kjarament jipprovdi li *tkun difiza ghal akkuza ta' kxif ta' taghrif sigriet kontra l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali jekk jigi ppruvat li t-taghrif sigriet ikun inkixef mill-persuna akkuzata, biss meta din giet awtorizzata taghmel dan mill-persuna li tkun fdatilha dak it-taghrif.*

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal jirribadixxi illi kien ir-Rikorrent stess li qieghed lilu innifsu f'posizzjoni fejn ma setghax jissodisfa t-talba legittima u legali tat-Tax Compliance Unit ghall-*bank statements* ta' dawn il-kontijiet bankarji li fl-ahhar mill-ahhar fihom ukoll flejjes appartenenti lir-Rikorrent stess u mhux biss lill-kliljenti tieghu. B'hekk, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni da parte tar-Rikorrenti t-Tax Compliance Unit gustament ipprocedew bl-investigazzjoni taghhom ghad-determinazzjoni ta' dhul reali tar-Rikorrenti a bazi ta' informazzjoni li kellhom a disposizzjoni taghhom izda anke a bazi ta' numru ta' assunzjonijiet pertinenti ghall-

[21] Fol. 51 ta' l-atti processwali ta 'l-Appell mis-sentenza tas-17 ta 'Mejju 2016.
[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012, fol. 70 tal-process.

kaz in ezami, in bazi ghal liema informazzjoni w assunzjonijiet sar *Capital Accretion Exercise* fir-rigward ta' l-istess Rikorrenti.

**It-tielet aggravju - Capital Accretion Exercise** - Hawnhekk issa wasalna ghall-qofol ta' l-appell in ezami b'mod partikolari wara s-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) u l-osservazzjonijiet hemm maghmula, già iktar 'l fuq citati.

Huwa fatt indiskuss li l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09, huma bbazati fuq il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit in segwitu ghall-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrenti, liema *Capital Accretion Exercise* baqa' hekk jifforma l-bazi ta' dawn l-istimi anke wara li r-Rikorrenti talbu Review mill-istimi provizorji mahruga fil-konfront taghhom.

Fir-rigward tar-Review mitlub mir-Rikorrenti Jesmar Bilocca xehed illi *at this stage ir-review jien ma bdejtux ha nghidlek ghalfejn. Mela rcevejt ir-request for review, bghatt l-ittra ghalfejn ma nghatawx id-dokumenti kollha, jiena minhabba li ma rajtx li hi valida ma bdejtux, hemm waqaft ghaliex il-ligi again Article 48(5) jghidlek li jekk ir-raguni mhijiex valida ma jistghux jigu naghtati, shall not be allowed li jergghu jipprovduhom jigifieri jiena at this stage li wiehed jigi jghidli isma jien ma nistax naghtihomlok minhabba kunfidenzjalità meta l-VAT Department skond Article 56 bazikament huwa wkoll marbut b'kunfidenzjalità jigifieri dan it-taxpayer jaf li bazikament isma ma min ha titkellem inti, min qed jitlobhomlok dawn l-affarjiiet huwa wkoll marbut b'kunfidenzjalità jigifieri wiehed ghandu jifhem dik ukoll jigifieri apparti li jfiehem lid-dipartiment li hu hekk l-istess irid jimxi bl-istess riga ma' haddiehor. Mela jiena la dan gab l-istess raguni ma jridx jaghtihom bazikament ghaliex minhabba clients moneys, jekk inti ma tistax iggibhomli minhabba f'hekk jiena ha nibqa' l-istess stampa. Mela jiena ma bdejtux jigifieri le ma gablix ghaliex jiena mbaghad ma tlabtux affarijiet*[23].

Minn din ix-xhieda jirrizulta li l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti baqghu ibbazati fuq il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit mhux ghaliex sar xi forma ta' ezercizzju ulterjuri da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kkonferma l-imsemmi *Capital Accretion Exercise* imma ghaliex ladarba r-Rikorrenti baqghu jinsistu fuq li ma jaghtux *bank statements* tal-kontijiet bankarji mitluba mit-Tax Complaince Unit, ir-Review Officer minghajr ma dahal ulterjorment fil-kwistjoni rrakomanda li l-istimi provizorji jigu kkonfermati[24].

Mill-atti processwali tar-Rikors fl-ismijiet XXX Rik. Nru. 317/12 u mill-files tad-Dipartiment relattivi ghar-Rikorrenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) f'dawk il-proceduri, jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income* beda process ta' oggezzjoni mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-

[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2013, fol. 121 sa' 126 tal-process.
[24] Review Report anness mar-Risopsta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

konfront tar-Rikorrenti ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 (l-istess snin bazi entro liema jaqghu l-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri), liema Likwidazzjonijiet ta' Taxxa f'dak l-istadju wkoll kienu bbazati fuq il-*Capital Accretion Exercise* tat-Tax Compliance Unit. Dan il-process ta' oggezzjoni nbeda in segwitu ghal ittri ta' oggezzjoni tar-Rikorrenti datati 10 ta' Mejju 2011.

Mill-Objection Report datat 24 ta' Lulju 2012[25] jirrizulta li l-Objection Review Officers fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kkonstataw u kkonkludew is-segwenti: **Reasons for Objection** - *In his letters of objection dated 10 May 2011, the taxpayer objected on the following grounds: 1. The assessments had been issued arbitrarily without any justifiable reason; 2. The assessment had completely disregarded the thorough information/documentation given.* ***Investigation Conclusions*** - *Taxpayer did not co-operate in full at audit stage and refused to provide all the bank statements as requested. The taxpayer did not provide bank statements of clients' money accounts. He contended that he would be infringing the Professional Secrecy Act. The Tax Compliance Unit based its assessment upon a capital accretion exercise for the period covering 2005 to 2008. The main sources of information were a statement of affairs compiled by the taxpayer together with his income tax declarations. A best of judgement assessment with respect to deemed bank savings was made due to the incomplete information with respect to the bank statements. The deemed bank savings were estimated to amount to Lm56,000. The deemed undeclared income from the capital accretion exercise was Lm20,000 p.a. Following hereunder is a summary of this exercise:*

| | *Lm* | *Basis of Assessment* |
|---|---|---|
| *Household employment* | *45,505* | |
| *Household part time income* | *17,788* | |
| *Household business income* | *25,300* | |
| *Income Tax* | *(11,251)* | |
| *SSC* | *(2,627)* | |
| *FWT* | *(2,668)* | |
| *Household disposable net income* | *72,047* | |
| *Estimated living cost.* | *(67,500)* | *Lm16,875 p.a. including school fees, food, clothing, maintenance, leisure etc* |
| *Investment in Fintel Ltd* | *(39,980)* | *Statement of affairs* |
| *Acquisition of motor vehicle (Opel Zafira - 2007)* | *(7,000)* | *Statement of affairs* |
| *Donations received* | *429* | *Statement of affairs* |
| *Withdrawals from bank account 10213552018* | *15,956* | *Bank statements available* |

[25] File tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattiv ghall-istadju ta' oggezzjoni esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12.

| | | |
|---|---|---|
| | *(26,048)* | |
| *Additional bank savings* | *(56,000)* | *Best of judgement* |
| | *(82,048)* | |
| | *(20,512)* | |
| *Rounded to* | *(20,000)* | |

***Work carried out at Objection Stage** - During the objection review, the taxpayer had the following contentions with respect to the capital accretion exercise: Living expenses are exorbitant; Investment in Fintel Limited had not been paid for in cash but through the capitalisation of shareholders' loan; Lm56,000 deemed savings were outrageous since if the Unit were to look into his declarations properly and his assets they would definitely not support these deemed savings; The taxpayer's spouse had to temporarily put her profession on hold in order to take care of their premature twins. The capital accretion does not take this into consideration because it assumes revenue to be generated evenly throughout the period reviewed. As regards the investment in Fintel Limited, a copy of Form K held by the MFSA confirmed that the increase in share capital was made other than for cash. This corroborates the taxpayer's contention as regards the capitalisation of shareholder's loans. A bank confirmation letter was requested and duly provided by the taxpayer. This gave reasonable assurance as to the number of accounts held by the taxpayer and their balances thereof as at end of each year. However the letter did not indicate which accounts were designated as 'clients accounts'. Following a review of the documentation provided by the taxpayer at tax audit stage, it transpired that the taxpayer had provided the bank statements of BOV bank account 4001292362 for the years 2005 to 2008. The taxpayer confirmed that this account included his personal savings. During the objection review, a reconciliation was carried out between the deposits effected in the afore-mentioned account and the income declared by the taxpayer. A discrepancy of Lm81,724 was identified, whereby the deposits exceeded the declared income by the stated amount. One has to remark that the above exercise does not take into account personal deposits in the bank account which taxpayer contends was used as client's account. The taxpayer remarked that Lm33,275 (41% of the total unexplained deposits) of the said discrepancy related partly to management of client's monies and partly to acting as curator in a sale of immovable property on behalf of his cousins. The taxpayer did not explain the other deposits. **Objection Review Officers conclusions** - It is being proposed to revise the assessment on the conclusions reached from the bank deposits exercise rather than the capital accretion exercise carried out at audit stage. It is also proposed to accept the explanations provided by the taxpayer. The assessment shall be revised as follows:*

| *YoA* | *Income as assessed* | | *Income as revised* | |
|---|---|---|---|---|
| | *Self* | *Spouse* | *Self* | *Spouse* |
| | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *2006* | *17,151* | *19,478* | *13,207* | *15,534* |
| *2007* | *17,596* | *20,105* | *13,652* | *16,161* |
| *2008* | *17,241* | *19,464* | *13,697* | *15,120* |
| *2009* | *18,101* | *19,321* | *14,157* | *15,377* |

L-Objection Review Officers ghalhekk irrakomandaw il-hrug ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 a bazi tad-dhul *as revised*.

Mill-Objection Report huwa evidenti ghalhekk li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni hadem a bazi ta' ezercizzju differenti mill-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit u d-dhul likwidat in segwitu ghall-oggezzjoni naqas mid-dhul kif likwidat fl-istadju ta' investigazzjoni. Ir-Rikorrenti jikkontendu li l-Objection Review Officers skartaw il-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit ghaliex dan kien zbaljat u ghaldaqstant, a bazi ta' dan il-fatt u a bazi tal-fatt li id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud *ex admissis* ma ghamilx review ta' l-istimi provizorji mahruga fil-konfront taghhom, ir-Rikorrenti issa qed jsostnu li l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu revokati *in toto* in kwantu ghal kollox bla bazi.

It-Tribunal però ma jaqbilx ma din il-pretensjoni tar-Rikorrenti.

Jibda biex jigi osservat li fl-ebda stadju ma rrizulta li l-Objection Review Officers fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni qiesu li l-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit kien zbaljat u li konsegwenza ta' hekk skartawh. Fix-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2015[26], Kevin Ellul, l-Objection Review Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni li hadem fuq l-oggezzjonijiet tar-Rikorrenti, iddikjara *ahna ergajna rajna l-kaz mill-bidu, ergajna iltqajna mas-Sur XXX u rajna l-files kollha. Meta rajna l-files u skond id-diskussjoni li kellna deher li kien hemm capital accretion mhux li ma kienx korrett però ma setghux juzaw evidenza ohra ghax dehrilhom li l-kontijiet tal-bank ma kienux pprezentati kollha. Allura hemm ahna tlabna lit-taxpayer Dr. XXX igibilna konferma tal-bank u l-konferma tal-bank giet li kienet tikkonferma l-bilanci fl-ahhar tas-sena u ma kienx hemm transazzjonijiet, ma gabilniex statements imma gabilna bilanci fl-ahhar tas-sena. Deher bic-car li kien hemm problema rigward l-istatements li kien hemm waqt l-audit ghaliex minn dan id-dokument deher li kien hemm kontijiet li ma gewx referuti ghalihom waqt l-investigation però minn fuq din il-karta dehru li kien hemm kontijiet ohra. Issa l-bank ikkonferma li kien hemm tnax-il kont, kien hemm l-issue tal-clients' money u il-problema kienet li l-ebda kont ma kien jindika li kien clients' money. Il-kontijiet kienu reserved cheque account. ... Il-problema ta' l-audit originali kienet li kien hemm stimi abbazi li bdew jghidu li kien hemm kontijiet ohra u ahna ridna nevitaw dik is-sitwazzjoni u ridna mmorru ghall-karti li kellna u hdimna fuq il-karti li kellna u fuq l-affarijiet li kienu jidhru.*

Detto ciò però t-Tribunal jifhem ukoll li *taxpayer* ma jistax jitqies li ghandu dhul mod ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud u dhul mod iehor, u addirittura

[26] Fol. 323 sa' 331 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 317/12.

sostanzjalment ridott, ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income*. Ma hemmx dubju li d-Dipartimenti tat-Taxxi Interni u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud necessarjament iridu jiehdu in konsiderazzjoni u jahdmu fuq dhul tat-*taxpayer* li huwa l-istess ghall-entrambe t-tipi ta' taxxa in kwistjoni. Mill-banda l-ohra però fejn *taxpayer*, wara process ta' investigazzjoni u konsegwenti oggezzjoni, jinstab li ghandu *under-declared income* ghall-finijiet ta' taxxa fuq l-*income*, hekk kif gara fil-kaz in ezami, dak l-istess *taxpayer* ma jistax jippretendi li ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud ma jigix intaxxat ai termini tal-Ligi in bazi ghal allegazzjoni ferm dghajfa bhal dik mressqa mir-Rikorrenti f'dawn il-proceduri.

A tenur tal-Partita 1(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, *it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa kkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkancella l-istima jew jaghmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni ohra kif hu iqis xieraq*. Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta b'mod car li t-Tribunal ghandu s-setgha li jissosstitwixxi d-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-Kummissarju tat-Taxxi b'dana ghalhekk li fil-kaz in ezami jista' jghaddi biex jiddetermina d-dhul taxxabbli tar-Rikorrenti ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud in bazi ghal dak li rrizulta mill-istadju ta' oggezzjoni fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi relattivament ghall-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009.

Il-fatt li l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu revokati u ikkancellati b'mod sommarju kif pretiz mir-Rikorrenti, johrog ferm car mis-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie *inter alia* osservat li *fil-fehma tal-qorti mehud in konsiderazzjoni li t-taghrif li kellu d-Dipartiment tat-Taxxi kien rilevanti ghall-ezitu tal-kawza u meta nghatat is-sentenza d-Dipartiment kien digà skarta l-Capital Accretion Exercise li sar mit-TCU, fatt li kien a konjizzjoni tat-Tribunal meta ta s-sentenza,* ***ma tkunx qeghda ssir gustizzja jekk dak it-taghrif ma jittiehidtx in konsiderazzjoni fid-decizjoni tal-meritu. L-unika differenza li hemm bejn iz-zewg kawzi hi li f'din il-kawza l-kwistjoni hu dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li fil-kawza l-ohra l-kwistjoni kienet dwar taxxa. Madanakollu l-kwistjoni kienet identika, cioè jekk kienx hemm undeclared income fil-perijodu 2005 sa' 2008***[27]. Anke d-decizjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), ossia li wara li annullat is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2016 irrinvijat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeciedi l-mertu ta' dawn il-proceduri fid-dawl tal-provi li tressqu fil-proceduri fl-ismijiet "XXX v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. 317/12 deciza minn dan it-Tribunal fit-18 ta' Ottubru 2018, turi bic-car li l-istimi mertu ta' dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu revokati *in toto,* wisq inqas sommarjament revokati *in toto*.

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba fil-proceduri fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12 già nghatat sentenza fit-18 ta' Ottubru 2018, fejn gew ikkonfermati l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009 wara l-istadju ta' l-oggezzjoni fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi, u b'hekk gie kkonfermat id-dhul tar-Rikorrenti kif determinat f'tali stadju ta' oggezzjoni, u minn dik is-sentenza ma giex ipprezentat appell b'dana li llum tikkostitwixxi gudikat, necessarjament isegwi li ghall-finijiet ta'

[27] Enfasi tat-Tribunal.

taxxa fuq il-valur mizjud Huwa irid jimxi fuq il-figuri determinati mill-Objection Review Officers fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi.

Ghalkemm s-sentenza fil-proceduri fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. 317/12 ma gietx appellata u llum tikkostitwixxi gudikat, b'dana li bla dubju ta' xejn torbot lir-Rikorrenti u llum, in segwitu ghall-amalgamazzjoni tad-Dipartimenti tat-Taxxa, torbot anke lill-Kummissarju tat-Taxxi, u strettament it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jidhol fil-kwistjoni dwar jekk id-dhul determinat mill-Objection Review Officers fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi huwiex ragjonevoli o meno, huwa xorta wahda ghall-fini ta' kompletezza ta' dawn il-proceduri ser jezamina l-operat ta' l-Objection Review Officers u ta' l-ammonti minnhom finalment determinati bhala d-dhul tar-Rikorrenti ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009.

Mill-Objection Report u mix-xhieda ta' l-Objection Review Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni Kevin Ellul, jirrizulta li fl-istadju ta' oggezzjoni l-Ufficjali tad-Dipartiment qaghdu esklussivament fuq il-kelma tar-Rikorrenti u accettaw l-argument taghhom li fil-kontijiet bankarji taghhom - ghajr pratikament ghal kont wiehed - kien hemm flejjes appartenenti lill-klijenti taghhom u b'hekk dawk il-flejjes ma gewx ikkunsidrati u meqjusa bhala dhul tar-Rikorrenti. L-Objection Review Officers ghazlu li jillimitaw l-ezami taghhom ghall-verifika u *reconciliation* ta' l-uniku kont bankarju indikat mir-Rikorrenti fir-rigward ta' liema ipprovdew *bank statements* ghas-snin bazi 2005 sa' 2008, l-imsemmija snin bazi inkluzi.

Mir-*reconciliation* tal-*bank statements* ta' dan il-kont bankjaru gew riskontrati *unexplained deposits* fl-ammont totali ta' Lm81,724, ekwivalenti ghal €190,365.71. F'dan il-kaz ukoll id-Dipartiment qaghad esklussivament fuq il-kelma tar-Rikorrenti li Lm33,275, ekwivalenti ghal €77,509.89, minn dawn l-*unexplained deposits* kienu effettivament spjegati, ossia kienu flejjes mhux appartenenti lilhom, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' Kevin Ellul moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2015[28], fejn iddikjara li *ahna ergajna rajna l-kaz mill-bidu, ergajna ltqajna mas-sur XXX u rajna l-files kollha. Meta rajna l-files u skond id-diskussjoni li kellna, deher li kien hemm capital accretion mhux li ma kienx korrett però ma setghux juzaw evidenza ohra ghax dehrilhom li l-kontijiet tal-bank ma kienux pprezentati kollha. Allura ma mxewx bl-ezercizzju tal-bank imma ghamlu capital accretion. Minn hemm ahna tlabna lit-tax payer Dr. XXX igibilna konferma tal-bank u l-konferma tal-bank giet li kienet tikkonferma l-bilanci fl-ahhar tas-sena u ma kienx hemm transazzjonijiet, ma gabilniex statements imma gabilna bilanci fl-ahhar tas-sena. Deher bic-car li kien hemm problema rigward l-istatements li kien hemm waqt l-audit ghaliex minn dan id-dokument deher li kien hemm kontijiet li ma gewx referuti ghalihom waqt l-investigation però minn fuq din il-karta dehru li kien hemm kontijiet ohra. Issa l-bank ikkonferma li kien hemm tnax-il kont, kien hemm l-issue tal-clients money u l-problema kienet li l-ebda kont ma kien jindika li kien clients' money. Il-kontijiet kienu reserved cheque account. ... Mela kien hemm reserved cheque account li t-taxpayer qalilna li kien clients' money, kien hemm kont denominat f Dollari Amerikani li skond it-taxpayer ukoll kien clients account, kien hemm zewg kontijiet denominati fi Sterlina u wiehed minnhom kellu ammont*

[28] Fol. 323 sa' 331 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni), Rik. Nru. 317/12.

*qawwi li kien il fuq minn dsatax-il elf Sterlina, u li t-tax payer qalilna li gejjin minn wirt it-tnejn li huma ghaliex kien hemm trasferiment f sena partikolari, kien hemm fixed deposit account li wkoll gie referut bhala clients account, kien hemm zewg kontijiet ta CDF Advocates li hija l-prattika legali tieghu u tal-mara, kien hemm current account f ismu u fuq il-mara u dan huwa l-kont li nghatajna l-bank statements tieghu, kien hemm savings account li kien infetah fiz-zmien meta konna bil-Lira Maltija però kien denominat f Euro u dan mid-dehra kien clients account u kien hemm three young savers account, nimmagina li savings tat-tfal u dawn huma l-kontijiet kollha. Kif qed ighid Dr.XXX ahna nghatajna biss waqt l-audit il-current account.* In risposta ghall-mistoqsija: *l-istatements ta' dak il-current account?* Kevin Ellul wiegeb: *ta' dak il-current account biss.* U in risposta ghall-mistoqsija: *ta' l-ohrajn?* Kevin Ellul wiegeb: *ta' l-ohrajn ma nghatawx, inghataw xi rendikonti ta kemm kienu l-bilanci biss però t-transazzjonijiet ma kienux jidhru.* Ghall-mistoqsija: m*a kienux jidhru t-transazzjonijiet imma kienu jidhru l-bilanci?* Kevin Ellul wiegeb: *mhux ta kollha lanqas, tal-kontijiet il-barranin ma kienux gew identifikati* w in risposta ghall-mistoqsija: *imma kien hemm concern fuq il-kontijiet barranin jew kienu gew spjegati?* Ellul wiegeb: *li gie spjegat kien li kienu wirt u clients account u daqshekk u ahna accettajniehom kif inhuma bhala tajbin u ma qghadniex nidhlu fihom. Ovvjament ahna iffukajna fuq il-current account li huwa dan il-kont li kellna l-istatements. F dan il-kont kien jidher li kien hemm tliet mija u seba depoziti b kollox f perjodu li qeghdin mis-snin five sal-eight basis, six sa' nine.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal: *kemm nistaqsik domanda wahda, jigifieri mill-accounts kollha li inti semmejtli, dawk indikati bhala clients account u dawk indikati bhala wirt accettajtuhom bhala tali?* Kevin Ellul wiegeb: *bhala tali* u ghall-kjarifika ulterjuri mitluba mit-Tribunal: *jigifieri dawk l-ammonti ma qistuhomx bhala undeclared income?* Kevin Ellul wiegeb: *no ma kellniex statements u m ghamilniex stejjem* u ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal: *jigifieri l-issue huwa il-current account biss u l-ammonti li jidhru fih?* Kevin Ellul irrisponda: *il-problema tal-audit originali kienet li kien hemm stimi abbazi li bdew jghidu li kien hemm kontijiet ohra w ahna ridna nevitaw dik is-sitwazzjoni u ridna mmorru ghall-karti li kellna u hdimna fuq il-karti li kellna u fuq l-affarijiet li kienu jidhru. F dan il-kont kien hemm tliet mija u seba depoziti, analizzajniehom u ta min ighid li dan kien current account, jigifieri account li ma fihx imghaxijiet u din maybe kienet an issue. Kien fih imghaxijiet imma kienu interest disposal li kienu imghaxijiet gejjin minn kont iehor jigifieri fuq il-bilanc partikolari ma jkunx hemm. Ahna rajna li mija u disgha u tletin minn dawn id-depoziti stajna naslu li dawn ma kienux related ma transazzjonijiet fejn kienu dhul u eliminajniehom ma' l-ewwel u kien fadal mija u disgha u sittin deposits li kienu unexplained at that point. Iddiskutejna ma Dr.XXX u ma rapprezentant tieghu u seta jipprezentalna hames depoziti. Depozitu minnhom kien ta Lm15,030 li Dr.XXX qalilna li kienu gejjin minn xi trasferiment ta proprjeta on behalf ta xi kugini ta xi zija. ... tana l-kuntratt però ma stajniex inqabblu l-figuri identifikati fil-kuntratt mad-depoziti però kien hemm nota tas-sur XXX li hadnieha u accettajnieha. Imbaghad kien hemm erba depoziti ohra li kienu flus ta klijenta mid-dehra u jigifieri jidher li l-ammonti kienu €25,000, €2,500, €2,500 u €12,500 li jammontaw ghal €42,500 li jigu Lm18,245. Hawnhekk deher mic-car li is-sur XXX kien qed ihallat flus personali ma flus fil-clients account u jekk tghidli x kien hemm fil-clients account nghidlek li ma nafx.* In risposta ghall-mistoqsija: *ha nwaqqfek ftit fuq dan il-punt, fuq dawn li gew esebiti jigifieri*

*inghatajtu spjegazzjoni ghalfejn spiccaw hemm eventually?* Kevin Ellul wiegeb: *spiccaw hemm ghaliex din il-persuna ghaddielu xi flus, ried jixtri xi proprjetà u kien hemm dawn it-tip ta transazzjonijiet fejn kien qed izommhom u ma nafx ghalfejn kien qed izommhom gol-current account tieghu personali u dik il-mistoqsija li hemm. Però dawn gew accettati u gew imnaqqsin. Ahna tlaqna minn figura ta il fuq minn Lm81,000 bhala unexplained deposits li kienu 169 transactions li jammontaw ghal Lm81,000. Spjega hamsa minnhom li kienu jammontaw ghal fuq minn Lm33,275 u d-differenza minn Lm81,275 nizzlet ghal Lm48,449.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal: *li baqghu unexplained?* Kevin Ellul wiegeb: *li baqghu unexplained. Issa kien hemm korrispondenza u talbiet diversi biex jaghtuna spjegazzjoni ta dawn id-depoziti ta dawn il fuq minn 160 depozitu però l-ispjegazzjoni qatt ma giet* u in risposta ghall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal: *jigifieri l-istima li qieghda kontestata f dan l-appell inharget abbazi tal-konkluzjonijiet taghkom?* Kevin Ellul wiegeb: *Iva.*

Ghalkemm fil-proceduri fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 317/12 fir-rigward tal-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet maghmula mill-Obejction Review Officers ir-Rikorrenti nsistew li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma kienx ragjonevoli maghhom ghaliex: (i) ma ghamilx *writing off* tar-rimanenti Lm48,449, ekwivalenti ghal €112,855.81, *unexplained deposits* ladarba huma kienu ggustifikaw madwar 41% mit-total ta' *unexplained deposits*; u (ii) talli ried spjegazzjoni ta' kull wiehed mill-160 depoziti riskontrati u mhux rikonciljati minflok ma ghamel *statistical sampling* taghhom, biex b'hekk ghamilha wisq oneruza ghalihom li jispjegaw dawn il-160 depozitu, it-Tribunal iqis li dawn il-lanjanzi tar-Rikorrenti ma humiex gustifikati, u dana ghas-segwenti ragunijiet minnu già elenkati fis-sentenza fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" moghtija fit-18 ta' Ottubru 2018:

- *Ghalkemm ir-Rikorrenti ggustifikaw l-ammont ta' Lm33,275, ekwivalenti ghal €77,509.89, minn total ta' unexplained deposits ta' Lm81,724, ekwivalenti ghal €190,365.71, u ghalkemm dan l-ammont jirrapprezenta 41% ta' l-unexplained deposits riskontrati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-ammont li baqa' bla ebda forma ta' spjegazzjoni huwa ta' ben Lm48,499, ekwivalenti ghal €112,855.81, somma din mhux immaterjali, li tirrapprezenta 59% ta' l-unexplained deposits kollha, ossia ferm iktar min-nofs ta' dawn l-unexplained deposits. Dan il-fattur wahdu huwa già sufficjenti biex juri li r-Rikorrenti assolutament ma humiex gustifikati fil-pretensjoni taghhom li ghaliex iggustifikaw 41% ta' l-unexplained deposits riskontrati allura r-rimanenti bilanc ta' tali unexplained deposits ghandu jigi written off mill-Kummissarju tat-Taxxi. Meta imbaghad dan il-fattur jigi ikkunsidrat fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li jikkaratterizzaw dan il-kaz, iktar u iktar jirrizulta li l-pretensjoni tar-Rikorrenti u l-konsegwenti lanjanza taghhom vis-à-vis l-agir tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghhom huma kompletament ingustifikati w insostenibbli;*
- *In kwantu rigwarda l-istatistical sampling pretiz mir-Rikorrenti, it-Tribunal iqis li fejn l-ezercizzju huwa ta' reconciliation ta' depoziti li saru f'kont bankarju, hekk kif kien il-kaz in ezami fejn per di più ir-reconciliation kienet ta' l-uniku kont bankarju fir-rigward ta' liema r-Rikorrenti ssottomettew bank statements ghall-perijodu kollu kopert fl-investigazzjoni, il-metodu ta' statistical sampling ma*

*huwiex dak idoneju ghaliex f'tali tip ta' reconciliation jrid jigi ezaminat, ikkunsidrat u finalment spjegat* ***kull*** *depozitu li jkun sar fil-kont bankarju in kwistjoni. Fir-rigward Kevin Ellul iddikjara, u dana fl-opinjoni tat-Tribunal gustament, li fl-istatistical sampling ghandek lista ta' transazzjonijiet, sales, purchases, u ma tistax tittestjahom kollha ghax trid bilfors tiehu parti minnhom u dik il-parti li tiehu tassumi li tkun rapprezentazzjoni tas-sample kollu u dak huwa bazikament statistical sample. Issa din it-teknika tintuza hafna u ma tistax tittestja kollox, tittestja parti biex tghid bejn wiehed u iehor il-figura finali hijiex korretta u lanqas tista' tghid li hija mija fil-mija korretta. Fil-kaz ta' bank, ... ma nistghux niehdu statistical sampling anqas waqt audits ma tmur statistical sampling fuq bank. Sampling tuzah biss fil-purchases, sales, expenses u forsi additions ta' fixed assests, bank ghandek il-bank reconciliation, l-ewwel titlob konferma mill-bank biex ikollok il-lista kompleta li t-taxpayer f'dan il-kaz ghandu w ahna dik ghamilnieha, imbaghad inti tmur fuq bank reconciliation fejn inti tqabbel it-transazzjonijiet tal-bank mat-transazzjonijiet li ghandek fil-kotba u d-differenza li johorgu minn hemm iridu jkunu spjegati. Normalment dawn jew ikunu cekkijiet mhux prezentati jew ikunu transazzjonijiet li jkunu dahlu fil-bank u ma jkunux dahlu fil-kotba tieghek jew bil-maqlub. Issa f'din is-sitwazzjoni kellna transazzjonijiet li dahlu fil-bank però ma sibnihomx fir-rendikont tad-dhul tat-taxpayer u dawk ma tistax titlob sample fuqhom, dawk trid tara li qeghdin kollha hemm ghax inkella l-figuri li tkun qed titkellem fuqhom zgur ma jkunux korretti jekk qed tieghu parti minnhom, allura bqajna ninsistu li ma stajniex immorru ghall-istatistical sampling fuq id-depoziti mhux spjegati. Ta' min jinnota li ahna ma konniex qed nitkellmu fuq ammont zghir imma ammonti pjuttost materjali, jigifieri ma ridniex infittxu differenza ta' Lm10 imma d-depoziti meta tghoddhom kienu materjali[29];*

- *It-Tribunal lanqas ma jqis li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) impona fuq ir-Rikorrenti piz oneruz wisq meta talabhom jiggustifikaw il-160 depozitu li kienu jikkostitwixxu r-rimanenti unexplained deposits. Jiba biex jinghad li kuntrarjament ghal dak affermat mir-Rikorrenti, id-depoziti in kwistjoni ma kienux fil-maggor parti taghhom inqas minn Lm100, anzi mill-elenku tad-depoziti analizzati w ezaminati esebit bhala Dok. B1 sa' Dok. "B3" a fol. 258 sa' 260 tal-process, jirrizulta li d-depoziti fil-maggoranza assoluta taghhom kienu depoziti li jeccedu bil-bosta l-valur ta' Lm100. Apparte minn hekk, ladarba dawn id-depoziti jirrizultaw fil-kont bankarju tar-Rikorrenti u mill-bank statements relattivi, ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova u gustifikazzjoni ta' tali depoziti jinkombi esklussivament fuq ir-Rikorrenti, liema oneru però ghal ebda raguni gustifikata baqa' ma giex minnhom sodisfatt.*

Fil-fehma tat-Tribunal il-konkluzzjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) fir-rigward tad-dhul tar-Rikorrenti ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009, ossia snin bazi 2005, 2006, 2007 u 2008, huma korretti u gusti, u in verità huma l-unici konkluzzjonijiet li in realtà seta jasal ghalihom in vista tal-beligeranza tar-Rikorrenti li jaghtu spjegazzjoni xierqa u sodisfacenti ta' depoziti kollha li saru f'dan il-kont bankarju partikolari.

---

[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2016, fol. 333 sa' 338 tal-process fl-ismijiet "XXX et v. Direttur Generali (Taxxi Interni)", Rik. Nru. 317/12.

Raggunta din il-konkluzjoni t-Tribunal iqis li ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud, l-ammont ta' *under-declared sales* (rapprezentanti dhul ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud) ghas-snin bazi 2005, 2006, 2007 u 2008, li huma s-snin entro liema jaqghu l-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri, ghandu jigi likwidat bil-mod segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Sena bazi 2005 | Lm28,741[30] | €66,948.50 |
| Sena bazi 2006 | Lm29,813[31] | €69,445.60 |
| Sena bazi 2007 | Lm28,817[32] | €67,125.60 |
| Sena bazi 2008 | Lm29,534[33] | €68,795.70 |

Konsegwentement il-Kummissarju tat-Taxxi ghandu jirrevedi l-istimi mahruga fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09 fid-dawl ta' l-*under-declared sales* kif hawn appena likwidati.

Ghall-finijiet ta' spejjez ta' dawn il-proceduri t-Tribunal josserva li l-istimi kontestati b'dawn il-proceduri nhargu fit-23 ta' Mejju 2011, ossia ftit granet biss wara li r-Rikorrenti kienu oggezzjonaw mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa mahruga fil-konfront taghhom mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009, bil-konsegwenza ghalhekk li l-*Capital Accretion Exercise* mahdum mit-Tax Compliance Unit kien ghadu ma giex sostitwit bil-*bank deposits reconciliation exercise* bhala bazi tal-likwidazzjoni tad-dhul mhux dikjarat da parte tar-Rikorrenti ghall-imsemmija snin ta' stima. Kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li l-istadju ta' oggezzjoni fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni immatura u wassal ghad-dhul *revised* tar-Rikorrenti ghas-snin ta' stima 2006, 2007, 2008 u 2009, liema dhul fil-verità assoggettahom ghall-hlas ta' taxxa fuq l-*income* - b'hekk issa ghall-hlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud - in kwantu gie ikkonfermat, ghad illi f'figuri inqas milli originarjament likwidat, dhul mhux dikjart da parte tar-Rikorrenti. Dawn il-figuri *as revised* tad-dhul mhux dikjarat da parte tar-Rikorrenti ma gewx, ghal raguniijiet li jaf il-Kummissarju tat-Taxxi, adottati u b'hekk rifless fil-kuntest ta' taxxa fuq il-valur mizjud, anke jekk dan seta' jsehh fil-mori ta' dawn il-proceduri. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-fatti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 2/3 mir-Rikorrenti u 1/3 Mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

1. Filwaqt li jichad it-talba tar-Rikorrenti ghar-revoka *in toto* ta' l-istimi mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06,

[30] Lm13,207+Lm15,534.
[31] Lm13,652 + Lm16,161.
[32] Lm13,697 + Lm15,120.
[33] Lm14,157 + Lm15,377.

01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09;

2. Jillikwida l-*under-declared sales* tar-Rikorrenti ghas-snin bazi 2005, 2006, 2007 u 2008 fis-segwenti ammonti:

| | | |
|---|---|---|
| Sena bazi 2005 | Lm28,741 | €66,948.50 |
| Sena bazi 2006 | Lm29,813 | €69,445.60 |
| Sena bazi 2007 | Lm28,817 | €67,125.60 |
| Sena bazi 2008 | Lm29,534 | €68,795.70; u |

3. Konsegwentement jordna li l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.04-28.02.05, 01.03.05-31.05.05, 01.06.05-31.08.05, 01.09.05-30.11.05, 01.12.05-28.02.06, 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08 u 01.12.08-28.02.09, jigu riveduti skond l-*under-declared sales* ghas-snin bazi 2005, 2006, 2007 u 2008 kif likwidati f'din id-decizjoni.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u ghar-ragunijiet iktar 'l fuq moghtija, it-Tribunal jordna li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 2/3 mir-Rikorrenti u 1/3 Mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**